# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2019**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni numru 1902/2001 JA**

***Valle del Miele Limited***

***v.***

**Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapaċità tagħhom ta' *partners* tal-kumpanija *Deloitte & Touche Certified Public Auditors & Accountants***

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba tal-konvenuti, magħmula b'rikors tad-29 ta' Jannar 2014, biex jitneħħew mill-inkartament dokumenti esebiti mis-soċjetà attriċi flimkien mar-rikors tal-appell. Id-dokumenti li l-konvenuti jridu li jitneħħew mill-inkartament huma kopji ta' sentenzi li ngħataw f'kawżi li fihom la s-soċjetà attriċi u lanqas il-konvenuti ma kienu parti. Il-konvenuti qegħdin jitolbu wkoll illi fir-rikors tal-appell titħassar kull silta meħuda minn dawk is-sentenzi u kull

argument imsejjes fuqhom. Is-soċjetà attriċi wieġbet fid-29 ta' April 2014 u opponiet għat-talba tal-konvenuti.

2. Ir-raġunijiet imressqa mill-konvenuti għal din it-talba huma effettivament tnejn: i. illi ebda waħda mill-partijiet ma kienet parti fil-kawżi li nqatgħu b'dawk is-sentenzi; u ii. illi mhux leċitu li titressaq xiehda ġdida f'dan l-istadju.

3. Tassew illi s-sentenzi esebiti mill-attriċi ma jorbtux lill-partijiet, u, għall-għanijiet ta' din il-kawża, ma jistgħux jitqiesu li jagħmlu prova kontra l-konvenuti ta' fatti allegati kontriehom ladarba l-konvenuti, li ma kinux parti fil-kawżi li fihom ingħataw is-sentenzi, ma kellhomx opportunità jinstemgħu f'dawk il-kawżi. Barra minn hekk, kompatibilment mal-funzjoni ta' din il-qorti bħala qorti ta' reviżjoni, kull prova li setgħet tressqet quddiem l-ewwel qorti u ma tressqitx ma tistax issa titressaq quddiem din il-qorti fl-istadju ta' appell[1]. Għalhekk kull argument imsejjes fuq fatti allegati kontra l-konvenuti jitqies bħala infondat, sakemm dawk il-fatti jirriżultaw biss mis-sentenzi esebiti u ma jirriżultawx minn xiehda oħra mressqa fil-kawża tallum.

4. Madankollu, dan ma jfissirx illi ma jistgħux jiġu ċitati s-sentenzi jew jissejsu argumenti fuqhom bħal ma spiss jiġri li tiġi ċitata ġurisprudenza biex issaħħaħ argument. Naturalment, il-piż li jingħata mill-qorti fid-deliberazzjonijet tagħha jkun jiddependi fuq ir-relevanza tal-argument u fuq kemm il-fatti provati fil-kawża li l-qorti jkollha quddiemha jkunu jixbhu lill-fatti li dwarhom kienet is-sentenza ċitata.

1 Ara *e.g.* Josef Farrugia *v* Christopher Carabott *et*, App. 24 ta' Ġunju 2011.

5. Għal dawn ir-raġunijiet ma huwiex il-każ illi s-sentenzi esebiti mis-soċjetà attriċi jitneħħew mill-inkartament, iżda l-valur li jistgħu jingħataw ikun ċirkoskritt fl-ambitu ta' dak li ngħad fuq.

6. Billi ma kienx meħtieġ dan ir-rikors biex il-qorti tagħraf x'valur għandha tagħti lis-sentenzi esebiti mill-attriċi, l-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm